## IĊ-ĊARTER

Kull min ikun qed ifittex jew jirċievi il-kura fis-sistema Awstraljana tas-Saħħa għandu/a ċerti drittijiet dwar n-natura ta' dik il-kura. Dawn huma deskritti fiċ-Ċarter Awstraljan tad-Drittijiet tal-Kura tas-Saħħa. Id-drittijiet imdaħħlin fiċ-Ċarter huma relatati mal-aċċess, s-sigurtà, r-rispett, il-komunikazzjoni, l-privatezza u l-kumment.

Iċ-Ċarter Awstraljan tad-Drittijiet tal-Kura tas-Saħħa huwa hemm għal kull min qiegħed fis-sistema tal-kura tas-saħħa. Iċ-Ċarter jippermetti lill-pazjenti, lill-konsumaturi, lill-familji, lil dawk li jduru b'xi ħadd u lis-servizzi li jipprovdu l-kura tas-saħħa li jifhmu flimkien id-drittijiet tan-nies li jkunu qegħdin jirċievu l-kura tas-saħħa.

Il-pazjenti, l-konsumaturi, l-provdituri tal-kura tas-saħħa u l-organizzazzjonijiet tas-servizzi tas-saħħa kollha għandhom partijiet importanti x'jagħmlu biex jinkisbu d-drittijiet tal-kura tas-saħħa u jikkontribwixxu għal sistema ta' kura tas-saħħa bla perikli u ta' kwalità għolja.

Sħubija ġenwina bejn il-pazjenti, l-konsumaturi u l-provdituri tal-kura tas-saħħa hija importanti biex kulħadd jikseb l-aħjar riżultati possibbli.

Il-provdituri tal-kura tas-saħħa jafu li f'xi ċirkustanzi il-kapaċità tiegħek biex tħaddem is-sistema tal-kura tas-saħħa tkun ristretta. Meta jkun possibbli huma javżaw lill-familja jew lis-servizzi tas-sapport dwar iċ-ċirkustanzi tiegħek jekk ikunu jaħsbu li jkollok bżonn tal-għajnuna.

## KIF TUŻA IĊ-ĊARTER

Dan il-fuljett jiddiskuti kull wieħed mis-seba' drittijiet taċ-Ċarter u jagħti ftit ta' gwida lill-pazjenti, lill-konsumaturi, lil dawk li jduru b'xi ħadd u lill-familji dwar modi kif jistgħu jikkontribwixxu biex jiżguraw li jkunu osservati d-drittijiet.

Inti intitolat/a li tressaq kwistjonijiet dwar d-drittijiet tiegħek tal-kura tas-saħħa. Inti imħeġġeġ/imħeġġa taqra ċ-Ċarter jew titlob li jispjegawhulek, u li tiddiskuti ċ-Ċarter mal-provditur tal-kura tas-saħħa jew mal-familja jew ma' min idur bik.

L-impjegati tal-kura tas-saħħa għandhom ikunu kapaċi jagħtuk parir dwar kif tikseb iktar tagħrif dwar drittijietek.

## Kuntatti

Huwa dejjem aħjar li tipprova ssolvi l-ilment tiegħek mal-provditur lokali tiegħek tas-servizz tas-saħħa. Jekk tkun ipprovajt dan u ma tkunx sodisfatt/a, tista' tressaq ilment quddiem il-Kummissarju għall-Ilmenti fil-Kura tas-Saħħa (Health Care Complaints Commissioner) fl-istat jew territorju tiegħek. Xi tagħrif dwar kuntatti utli huwa imniżżel hawn taħt:

**ACT** Human Rights Commission, Health Services Commissioner
*www.hrc.act.gov.au*

**NSW** Health Care Complaints Commission
*www.hccc.nsw.gov.au*

**NT** Health and Community Services Complaints Commission
*www.hcscc.nt.gov.au*

**QLD** Health Quality and Complaints Commission
*www.hqcc.qld.gov.au*

**SA** Health and Community Services Complaints Commissioner
*www.hcscc.sa.gov.au*

**TAS** Health Complaints Commissioner
*www.healthcomplaints.tas.gov.au*

**VIC** Office of the Health Services Commissioner
*www.health.vic.gov.au/hsc*

**WA** Office of Health Review
*www.healthreview.wa.gov.au*



MALTESE

# IĊ-ĊARTER AWSTRALJAN TAD-DRITTIJIET TAL-KURA TAS-SAĦĦA

*GWIDA GĦALL-PAZJENTI, L-KONSUMATURI, L-PERSUNI LI JDURU B'XI ĦADD U L-FAMILJI*



GĦAL IKTAR TAGĦRIF DWAR IĊ-ĊARTER U KIF TISTA' TIKKONTRIBWIXXI BIEX TIKSEB ID-DRITTIJIET TAL-KURA TAS-SAĦĦA ŻUR WWW.SAFETYANDQUALITY.GOV.AU

AUSTRALIAN COMMISSION ON SAFETY AND QUALITY IN HEALTH CARE

## AĊĊESS

*Dritt għall-kura tas-saħħa.*

Għandek dritt fundamentali għal kura tas-saħħa adegwata u f'waqtha. Xi minn daqqiet din tista' ma tkunx fil-faċilità fejn tkun mort l-ewwel darba billi mhux s-servizzi kollha jinsabu neċessarjament kullimkien.

Tista' tikkontribwixxi għad-dritt tal-aċċess billi tipprova żżomm l-appuntamenti tiegħek u tavża lill-faċilità meta ma tkunx tista'.

## SIGURTÀ



*Dritt għal kura bla perikli u ta' kwalità għolja.*

Jekk ma tkunx żgur/a dwar xi jkun qed jiġrilek jew jekk taħseb li jkun hemm xi ħaġa nieqsa fil-kura tiegħek, avża lill-provditur tal-kura tas-saħħa tiegħek. Għarraf lill-provditur b'kull ċirkustanza li tista' tagħmel il-kura tas-saħħa tiegħek iktar riskjuża.

## RISPETT

*Dritt li tintwera rispett, dinjità u konsiderazzjoni.*

Inti intitolat/a li tirċievi kura b'mod li tirrispetta il-kultura, t-twemminiet, il-valuri u l-karatteristiċi tiegħek bħalma huma l-età u s-sess. Huwa importanti li tavża lill-provditur tal-kura tas-saħħa tiegħek b'kull tibdil fiċ-ċirkustanzi tiegħek.

Ir-rispett jinkludi wkoll li taħseb fil-kura tas-saħħa tal-impjegati u l-pazjenti l-oħra.

## KOMUNIKAZZJONI

*Dritt li tkun infurmat/a dwar servizzi, trattament, għażliet u prezzijiet b'mod ċar u tond.*

Il-provdituri tal-kura tas-saħħa jispjegawlek dwar il-kura li tkun qed tirċievi u jgħinuk tifhem xi jkun qed jiġrilek.

Tista' tikkontribwixxi lejn il-komunikazzjoni billi tkun frank/a u onest/a kemm tista' tkun. Biex tifhem l-istruzzjonijiet li jingħatawlek tista' tagħmel mistoqsijiet jekk tkun tixtieq iktar tagħrif.

Jekk l-Ingliż mhuwiex l-ewwel lingwa tiegħek tista' tuża l-interpreti. Is-servizzi tal-interpreti huma mingħajr ħlas u jistgħu isiru fil-persuna jew bit-telefon.

## PARTIĊIPAZZJONI

*Dritt li tkun inkluż/a fid-deċiżjonijiet u l-għażliet dwar il-kura.*

Inti imħeġġeġ/imħeġġa biex tieħu sehem fid-deċiżjonijiet dwar il-kura tiegħek. Staqsi jekk ma tkunx ċert/a dwar xi jkun qed jiġrilek. Jekk tħossok iktar komdu/a u żgur/a daħħal lill-familja jew lil min idur bik.





## PRIVATEZZA

*Dritt ta' privatezza u konfidenzjalità dwar l-informazzjoni li tkun tajt.*

Inti tista' tara r-rekords tiegħek u titlob li tkun ikkorreġuta l-informazzjoni jekk tkun żbaljata. F'xi sitwazzjonijiet ikun meħtieġ li l-informazzjoni dwar saħħtek tgħaddi bejn il-provdituri tal-kura tas-saħħa.

Inti tista' tikkontribwixxi wkoll billi tirrispetta l-privatezza u l-konfidenzjalità tal-oħrajn.

## KUMMENT

*Dritt li tikkumenta dwar il-kura u li t-tħassib ikun indirizzat.*

Il-provdituri tal-kura tas-saħħa jkunu jridu jsolvu l-problemi malajr iżda l-ewwel iridu jkunu avżati dwar il-problema. Jekk ikollok xi suġġeriment dwar kif ikun jista' jitjieb is-servizz, jekk jogħġbok għid lill-istaff.

Il-proċeduri użati mill-organizzazzjoni tas-servizz tas-saħħa biex tikkumenta dwar il-kura tiegħek għandhom ikunu hemm għalik. Tista' tagħmel kummenti bil-kelma jew bil-miktub dwar il-proċeduri u l-esperjenzi tiegħek.

Biex tirrikmanda lill-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa, biex tilmenta dwar il-kura tas-saħħa tiegħek u/jew biex tkun avżat/a dwar il-proċedura biex tesprimi t-tħassib dwar il-kura tiegħek jekk jogħġbok ikkuntattja lir-rappreżentant tal-provditur tas-servizz tas-saħħa li jitratta mal-pazjenti.